

Brussell, 11 ta' Novembru 2025
(OR. en)

14921/25

**Fajl Interistituzzjonali:
2008/0140 (CNS)**

**ANTIDISCRIM 103
FREMP 300
GENDER 195
JAI 1592
MI 869
SOC 728**

NOTA

minn:	Presidenza
lil:	Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti/Kunsill
Nru. dok. preċ.:	14287/25
Suġġett:	Proposta għal DIRETTIVA TAL-KUNSILL dwar l-implimentazzjoni tal-prinċipju ta' trattament ugwali bejn il-persuni irrispettivament mir-reliġjon jew it-twelmin, id-diżabbiltà, l-età jew l-orjentazzjoni sesswali - <i>Rapport ta' progress</i>

I. INTRODUZZJONI

Fit-2 ta' Lulju 2008, il-Kummissjoni ppreżentat lill-Kunsill u lill-Parlament Ewropew proposta għal Direttiva tal-Kunsill bl-għan li testendi l-protezzjoni kontra d-diskriminazzjoni abbażi tar-reliġjon jew it-twelmin, id-diżabbiltà, l-età jew l-orjentazzjoni sesswali għal oqsma lil hinn mill-impjegji. Filwaqt li tikkomplementa l-leġiżlazzjoni eżistenti tal-Unjoni¹ f'dan il-qasam, id-Direttiva orizzontali proposta dwar it-trattament ugwali tipprojbixxi d-diskriminazzjoni għar-raġunijiet imsemmija hawn fuq fl-oqsma li ġejjin: il-protezzjoni soċjali, inkluż is-sigurtà soċjali u l-kura tas-saħħa; l-edukazzjoni; u l-aċċess għal prodotti u servizzi, inkluż l-akkomodazzjoni.

¹ B'mod partikolari, id-Direttivi tal-Kunsill 79/7/KEE, 2000/43/KE, 2000/78/KE u 2004/113/KE.

Wara d-dħul fis-seħħ tat-Trattat ta' Liżbona fl-1 ta' Diċembru 2009, il-proposta issa taqa' taħt l-Artikolu 19 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea (TFUE) (proċedura leġislattiva speċjali); għaldaqstant, hija meħtieġa unanimià fil-Kunsill, wara l-approvazzjoni tal-Parlament Ewropew.

Il-Parlament Ewropew adotta l-Opinjoni tiegħu fit-2 ta' April 2009² skont il-Proċedura ta' Konsultazzjoni. Il-Kunsill ikollu jitlob l-approvazzjoni tal-Parlament Ewropew dwar it-test finali.

Għalkemm il-proposta ilha tiġi diskussa aktar minn 17-il sena, u kważi kull Presidenza poġġiet il-fajl fuq l-aġenda tal-Kunsill, s'issa ma kienx possibbli li jintlaħaq ftehim. L-aħħar Rapport ta' Progress³ ġie ppreżentat lill-Kunsill EPSCO fl-19 ta' Ġunju 2025.

Filwaqt li maġġoranza kbira ħafna ta' delegazzjonijiet ilhom jappoġġaw id-Direttiva u approvaw il-fatt li din għandha l-għan li tikkompleta il-qafas legali eżistenti billi tindirizza l-erba' raġunijiet kollha ta' diskriminazzjoni permezz ta' approċċ orizzontali, xi oħrajn esprimew tħassib u talbu kjarifiki dwar in-nuqqas perċepit ta' ċertezza legali, id-diviżjoni tal-kompetenzi u l-konformità mal-prinċipju tas-sussidjarjetà, u l-impatt tal-proposta, b'mod partikolari f'termini ta' implikazzjonijiet finanzjarji potenzjali.

Matul is-snin sar abbozzar mill-ġdid importanti biex jiġi indirizzat it-tħassib espress, inkluż billi jiġu ċċarati l-obbligi legali, kemm dwar is-sustanza kif ukoll f'termini tad-diviżjoni tal-kompetenzi, u billi jiġi limitat konsiderevolment l-impatt finanzjarju potenzjali tal-abbozz ta' Direttiva.

² Ara d-dokument A6-0149/2009. Alice Kuhnke (SE/Il-Ħodor/Alleanza Ħielsa Ewropea) attwalment hija r-Rapporteur għall-Parlament.

³ 9573/25

Huwa mfakkar li, matul is-sena li għaddiet, maġġoranza kbira tal-Istati Membri esprimew b'mod ċar u ripetut il-fehma fil-livell ministerjali li ftehim dwar din il-proposta li ilha li saret huwa opportun, f'waqtu u meħtieġ.⁴

Il-Kummissjoni appoġġat it-tfittxija għal kompromess, filwaqt li f'dan l-istadju żammet riżerva ta' skrutinju dwar kwalunkwe bidla għall-proposta oriġinali tagħha.

Fil-programm ta' ħidma tagħha għall-2025, ippubblikat fil-11 ta' Frar 2025, il-Kummissjoni ħabbret l-intenzjoni tagħha li tirtira l-proposta għal Direttiva dwar it-Trattament Ugwali. Madankollu, fl-aħħar il-proposta inżammet u ma dehrinx fil-lista ta' proposti irtirati ppubblikata fis-6 ta' Ottubru 2025.⁵

II. IL-ĦIDMA TAL-KUNSILL TAĦT IL-PRESIDENZA DANIŻA

Taħt il-Presidenza Daniża, saru aktar sforzi biex tinkiseb l-unanimità dwar il-proposta. Il-Grupp ta' Ħidma dwar Kwistjonijiet Soċjali ddiskuta l-fajl matul żewġ laqgħat.⁶ B'mod parallel, il-Presidenza kellha kuntatti bilaterali mad-delegazzjonijiet li fadlilhom xi tħassib, bil-ħsieb li tidentifika l-kwistjonijiet li fadal u tesplora soluzzjonijiet possibbli.

Fil-laqgħa tal-Grupp ta' Ħidma dwar Kwistjonijiet Soċjali tat-2 ta' Ottubru 2025, rappreżentant tal-OECD (Organizzazzjoni għall-Kooperazzjoni u l-Iżvilupp Ekonomiċi) ippreżenta r-rapport tiegħu "Combating Discrimination in the European Union"⁷ ("Il-ġlieda kontra d-Diskriminazzjoni fl-Unjoni Ewropea"), filwaqt li nnota li d-diskriminazzjoni kienet aktar prevalenti f'oqsma li għadhom mhumiex koperti mil-leġislazzjoni tal-UE, li jappoġġa l-argument għall-estensjoni tal-protezzjoni lil hinn mill-impjieġ. Ir-rapport jenfasizza wkoll il-kost ekonomiku u soċjali tad-diskriminazzjoni, u jissuġġerixxi li l-benefiċċji ta' direttiva dwar l-ugwaljanza orizzontali jegħlbu l-prezz li jkollu jitħallas għaliha.

⁴ Laqgħat tal-Kunsill EPSCO tas-7 ta' Mejju 2024, l-20 ta' Ġunju 2024, it-2 ta' Diċembru 2024 u d-19 ta' Ġunju 2025.

⁵ ĠU C/2025/5423, 6.10.2025, p. 1-4, ELI: <http://data.europa.eu/eli/C/2025/5423/oj>.

⁶ 2 u 30 ta' Ottubru 2025.

⁷ [Combating Discrimination in the European Union | OECD](#)

Il-Grupp ta' Ħidma mbagħad iddiskuta l-proposta abbażi ta' nota ta' gwida mill-Presidenza.⁸ L-Istati Membri li ma setgħux jappoġġaw l-aħħar test⁹ ġew mistiedna jispeċifikaw it-tħassib li fadlilhom, bl-għan li jinsabu l-aktar soluzzjonijiet effettivi u effiċjenti. Il-maġġoranza kbira tal-Istati Membri affermaw mill-ġdid l-appoġġ tagħhom għad-Direttiva, u bosta qasmu l-analiżijiet tagħhom stess tal-implikazzjonijiet tal-kost tagħha, li nstabu li kienu baxxi jew insinifikanti meta mqabbla mal-benefiċċji tagħha.

Abbażi ta' dan kollu u wara aktar skambji bilaterali, il-Presidenza identifikat sett ta' kwistjonijiet pendent li, skont l-Istati Membri li fadlilhom xi tħassib, għad iridu jiġu indirizzati. Dawn ġew diskussi fil-Grupp ta' Ħidma dwar Kwistjonijiet Soċjali fit-30 ta' Ottubru abbażi ta' nota ta' gwida mill-Presidenza¹⁰, kif ġej:

i) Kamp ta' Applikazzjoni

Tqajjem tħassib minn delegazzjoni waħda dwar il-kamp ta' applikazzjoni tad-Direttiva fir-rigward tal-protezzjoni soċjali u l-edukazzjoni, b'mod partikolari l-ħtieġa li jiġu rispettati l-kompetenzi nazzjonali f'dawn l-oqsma sensittivi. Ġie ssuġġerit ukoll minn din id-delegazzjoni li d-dispożizzjoni li tistabilixxi differenzi permissibbli ta' trattament fl-Artikolu 2(5a) tiġi estiża sabiex tapplika għar-raġunijiet kollha ta' diskriminazzjoni koperti mid-Direttiva, aktar milli għall-età biss.

F'dan il-kuntest, il-Presidenza stiednet lill-Istati Membri li fadlilhom xi tħassib jispeċifikaw il-bidliet relatati mal-protezzjoni soċjali u l-edukazzjoni li jkunu meħtieġa sabiex ikunu jistgħu jappoġġaw id-Direttiva, filwaqt li daww li jappoġġaw estensjoni tal-Artikolu 2(5a) għar-raġunijiet kollha ta' diskriminazzjoni ntalbu jipprovdu eżempji prattiċi u jispjegaw ir-raġunament politiku u legali li jippermetti differenzi fit-trattament abbażi tal-orjentazzjoni sesswali, ir-reliġjon jew it-twelmin, u d-diżabbiltà.

⁸ 12823/25

⁹ L-aħħar verżjoni tat-test tinsab fid-dokument 10817/24.

¹⁰ 14287/25

Filwaqt li d-delegazzjonijiet kienu ġeneralment lesti li juru flessibbiltà u jikkunsidraw proposti ġodda, diversi esprimew riżervi dwar it-tidjiq ulterjuri tal-kamp ta' applikazzjoni u talbu proposti u ġustifikazzjonijiet konkreti, b'mod partikolari dwar estensjoni possibbli tad-dispożizzjoni li tinsab fl-Artikolu 2(5a). Xi wħud enfasizzaw ukoll l-importanza li tiġi ppreservata l-ambizzjoni ġenerali tad-Direttiva. B'kuntrast ma' dan, delegazzjoni waħda appellat għat-tneħħija tal-protezzjoni soċjali u l-edukazzjoni mill-kamp ta' applikazzjoni tad-Direttiva u għall-estensjoni tad-dispożizzjoni fl-Artikolu 2(5a) biex tkopri r-raġunijiet kollha ta' diskriminazzjoni, mhux biss l-età. Delegazzjoni oħra qajmet tħassib dwar iċ-ċarezza legali tad-dispożizzjonijiet dwar l-edukazzjoni.

ii) Implimentazzjoni

Fir-rigward tal-implimentazzjoni, tqajmu mistoqsijiet dwar l-impatt finanzjarju tad-Direttiva, inkluż b'mod partikolari l-kost tal-provvista ta' akkomodazzjoni raġonevoli għall-persuni b'diżabbiltà.

F'dan il-kuntest, il-Presidenza stiednet lill-Istati Membri jindikaw x'tip ta' appoġġ jiffaċilita l-valutazzjonijiet nazzjonali tagħhom tal-kostijiet u l-benefiċċji fir-rigward tal-obbligu li tiġi pprovduta akkomodazzjoni raġonevoli u jispeċifikaw kwalunkwe termini jew dispożizzjonijiet legali li jeħtieġu kjarifika ulterjuri, inkluż jekk għandhomx jiżiedu elementi mat-test u, jekk iva, liema u f'liema format.

Għadd ta' Stati Membri enfasizzaw li l-obbligi kienu diġà fis-seħħ skont l-UNCPRD (il-Konvenzjoni tan-Nazzjonijiet Uniti dwar id-Drittijiet ta' Persuni b'Diżabbiltà), u li d-Direttiva ma toħloqx rekwiżiti addizzjonali dwar akkomodazzjoni raġonevoli. Stat Membru enfasizza d-distinzjoni bejn l-akkomodazzjoni raġonevoli u l-aċċessibbiltà, u nnota li n-nuqqas ta' din tal-aħħar fit-test ta' kompromess inaqqas il-kostijiet b'mod sinifikanti. Ġie ssuġġerit ukoll li l-Kummissjoni tista' ttipprovdi gwida dwar l-implimentazzjoni, wara l-adozzjoni tad-Direttiva. Stat Membru ieħor appella għal valutazzjoni tal-impatt ġdida. Il-Kummissjoni, permezz tar-rappreżentant tagħha, enfasizzat li kienet wettqet valutazzjoni tal-impatt biex takkumpanja l-proposta leġislattiva tagħha u li ma kienx f'idejn il-Kummissjoni li twettaq valutazzjonijiet tal-impatt fir-rigward tal-emendi tal-Kunsill għall-proposta tagħha.

iii) Kompetenzi deċentralizzati

Xi Stati Membri enfasizzaw l-isfidi fl-implimentazzjoni tad-Direttiva f'sitwazzjonijiet fejn il-kompetenzi jiġu eżerċitati f'livell reġjonali jew deċentralizzati, u appellaw għal soluzzjonijiet li jirrispettaw tali strutturi ta' governanza.

F'dan il-kuntest, il-Presidenza stiednet lill-Istati Membri mħassbin dwar l-impatt tad-Direttiva fuq l-istrutturi ta' politika deċentralizzati jispeċifikaw l-oqsma ta' politika li jwasslu għal dan it-tħassib u jipproponu soluzzjonijiet konkreti biex jindirizzawhom.

Żewġ Stati Membri ddikjaraw li ma kellhom l-ebda tħassib dwar il-kompetenzi deċentralizzati, minkejja li huma stess għandhom strutturi ta' governanza deċentralizzati fil-livell nazzjonali.

III. KONKLUŻJONI

L-għan tal-Presidenza kien li tilħaq approċċ ġenerali dwar il-proposta fil-Kunsill EPSCO fl-1 ta' Diċembru. Madankollu, matul id-diskussjonijiet fil-Grupp ta' Ħidma dwar Kwistjonijiet Soċjali, tliet delegazzjonijiet żammew riżervi ġenerali, indikazzjoni li xorta jista' jagħti l-każ li l-unanimità meħtieġa ma tintlaħaq. Minkejja dan, maġġoranza kbira ħafna ta' delegazzjonijiet għadha tappoġġa l-aħħar test ta' kompromess u l-għan li jintlaħaq approċċ ġenerali fil-Kunsill.

Fin-nuqqas ta' suġġerimenti jew kjarifiki addizzjonali mill-Istati Membri li fadlilhom xi tħassib, il-Presidenza ma setgħetx tipproponi test ta' kompromess ġdid. Jeħtieġ li l-pożizzjonijiet tad-delegazzjonijiet jiġu eżaminati f'aktar dettall qabel ma jkunu jistgħu jiġu identifikati soluzzjonijiet potenzjali. Hemm it-tama li t-tħassib li fadal jista' jiġi indirizzat permezz tal-impenn kostruttiv tad-delegazzjonijiet kollha.

Il-Presidenza temmen bis-sħiħ li, f'dinja fejn id-drittijiet fundamentali u l-ugwaljanza qegħdin dejjem aktar taħt pressjoni, l-UE għandha sservi bħala xempju. Għaldaqstant, hemm it-tama li l-appoġġ meħtieġ għall-unanimità tal-Kunsill jista' jinkiseb fil-futur qrib.